MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 121/2003

**A.C.B. INTERNATIONAL COMPANY LIMITED**

**vs**

**GENERAL NATIONAL MARITIME TRANSPORT COMPANY**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Frar, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-segwenti ammonti: fis-somma ta' ħames mija disgħa u ħamsin liri maltin (Lm559.00) skond invoice datata 28 ta' Marzu, 2001 (Dok. "ACB1"); fis-somma ta' erba' mija u sittax-il liri maltin u għoxrin ċentezmu (Lm416.20) skond invoice datata 29 ta' Marzu 2001 (Dok. "ACB2"); fis-somma ta' elfjen seba' mija tlieta u għoxrin liri maltin u sitta u sittin ċentezmu (Lm2,723.66) skond invoice datata

30 ta’ Marzu 2001 (Dok. “ACB3”); is-somma ta’ mija tlieta u disgħin liri maltin (Lm193.00) skond invoice datata 10 t’April 2001 (Dok. “ACB4”); fis-somma ta’ elf mija u seba’ liri maltin u erbgħin ċentezmu (Lm1,107.40) skond invoice datata 29 ta’ Marzu 2001 (Dok. “ACB5”); fis-somma ta’ elf mija u ħdax-il liri maltin u sebgħa u disgħin ċentezmu (Lm1,111.97) skond invoice datata 6 t’April 2001 (Dok. “ACB6”); fis-somma ta’ elf u sitta u erbgħin liri maltin u sitta u sebgħin ċentezmu (Lm1,046.76) skond invoice datata 8 ta’ Mejju 2001 (Dok. “ACB7”); fis-somma ta’ tmien mija disgħa u erbgħin liri maltin u ħamsa u erbgħin ċentezmu (Lm849.45) skond invoice datata 11 ta’ Mejju 2001 (Dok. “ACB8”); fis-somma ta’ sitt mija sitta u sittin liri maltin u ħamsa u tmenin ċentezmu (Lm666.85) skond invoice datata 23 ta’ Mejju 2001 (Dok. “ACB9”); fis-somma ta’ elf sitt mija sebgħa u tletin liri maltin u ċentezmu (Lm1,637.01) skond invoice data l-1 ta’ Ġunju 2001 (Dok. “ACB10”); fis-somma ta’ elf erba’ mija tmienja u sittin liri maltin u disgħin ċentezmu (LM1,468.90) skond invoice datata l-1 ta’ Ġunju 2001 (Dok. “ACB11”); fis-somma ta’ mja u sbatax-il liri maltin (Lm117.00) skond invoice datata 31 ta’ Mejju 2001 (Dok. “ACB12”); fis-somma ta’ erba’ mija sebgħa u sittin liri maltin u sitt ċentezmi (Lm467.06) skond invoice datata 14 ta’ Ġiunju 2001 (Dok. (“ACB13”); fis-somma ta’ tlett mija u tlieta u disgħin liri maltin u ħamsa u sittin ċentezmu (Lm393.65) skond invoice datata 21 ta’ Ġunju 2001 (Dok. “ACB14”); fis-somma ta’ mija tnejn u tmenin liri maltin u ħamsa u sittin ċentezmu (Lm1892.65) skond invoice datata 27 ta’ Ġunju 2001 (Dok. “ACB15”); fis-somma ta’ ħdax-il liri maltin (Lm11.00) skond invoice datata 3 ta’ Lulju 2001 (Dok. “ACB16”), ilkoll rappreżentanti l-valur ta’ *general supplies* forniti mis-soċjeta’ attriċi lis-soċjeta’ konvenuta fuq inkarigu ta’ l-istess soċjeta’ konvenuta bejn il-perijodu 28 ta’ Marzu 2001 u l-31 ta’ Lulju 2001;

Illi għalhekk is-soċjeta’ attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta’ konvenuta fis-somma komplessiva ta’ tnax-il elf disa’ mija wieħed u ħamsin liri maltin u sitta u ħamsin ċentezmu (Lm12,951.56), Doks. “ACB17” u “ACB18”;

Illi llum l-imsemmi ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi huwa kreditu ċert, likwidu u dovut tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta u fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont magħmula kontra tagħha mis-soċjeta' attriċi Dok. "ACB19";

Illi nonostante diversi talbiet għall-ħlas, -is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx dak minnha dovut lis-soċjeta' attriċi;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunjiet premessi:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma komplessiva ta' tnax-il elf disa' mija wieħed u ħamsin liri maltin u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm12,951.56), rappreżentanti l-valur ta' *general supplies* forniti mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess soċjeta' konvenuta għall-perijodu bejn it-28 ta' Marzu 2001 u l-31 ta' Lulju 2001;

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali dekorribili mid-dati tar-rispettivi invoices sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta rappreżentanti ta' liema huma minn issa inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta bil-mezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u bil-mezz tal-Affissjoni u li naqset li tippreżenta nota ta' eċċezzjoniijet jew li tidher jew tkun rappreżentata

kif imiss meta l- kawża ssejħet ripetutament u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet il-konferma ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi tal-kreditu dovut;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni magħduda magħhom l-imgħaxijiet dekorribbli kif mitlub, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------